**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużeʼ Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 05/09(30_06_09).**

1.01 Minuti tal-laqgħa taʼ nhar it-Tlieta, 30 taʼ Ġunju 2009, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqaʼ fis-6.00 taʼ filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-22 taʼ Ġunju 2009.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Il-Laqgħa tal-Lokalitaʼ.
6. Xogħlijiet u Apparat għall-*Playing Field*.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalitaʼ.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 27A/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward ʻĦinijiet tal-laqgħat tal-Kunsilli Lokaliʼ.

2.02 Il-Kunsill irċieva permezz taʼ *e-mail* mingħand il-President u s-Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa tas-Sindki u Viċi-Sindki li saret fit-13 u fl-14 taʼ Marzu 2009 u l-Programm tal-Laqgħa tas-Sindki u Viċi-Sindki tat-8 u 9 taʼ Mejju 2009.

2.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju, Federation for Hunting and Conservation – Malta (FKNK) rigward is-*seminars* li l-BirdLife Malta qed tippjana li torganizza għat-tfal fix-xhur li ġejjin.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ko-ordinattriċi ta' Riflessi Sajfin rigward dan il-Kunċert annwali mtella' mill-Fondazzjoni OASI.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Education Coordinator, BirdLife Malta fejn saru xi kjarifiki u kummenti dwar l-*e-mail* li l-Federation for Hunting and Conservation – Malta (FKNK) bagħtet rigward l-allegati *seminars* li l-BirdLife Malta qed tippjana li torganizza għat-tfal.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 33/2009 mingħand il-Principal/Assistenta Personali, Taqsima Legali għad-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Regolamenti ta' l-2009 dwar il-Kunsilli Lokali (Ġemellaġġi)'.

2.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Pirjol, Komunita' Aġostinjana ta' Ħal Tarxien rigward il-premju San Nikola minn Tolentino – Konkors Nazzjonali għall-Persuni Li Qegħdin Juru Solidarjeta' Ma' Min Huwa fil-Bżonn.

2.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur ta' l-Ippjanar, MEPA rigward xogħlijiet ta' twaqqiegħ u skavar f' żoni turistiċi matul ix-xhur tas-Sajf.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 35/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'www.lc.gov.mt'.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-LIFE+ Focal Point, Tourism & Sustainable Development Unit fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward il-'LIFE+ Workshop in Malta'.

2.11 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 01267/09 – *To amend permission PA3215/06 to carry out minor internal alterations and construct an additional floor* fi Triq il-Puniċi u Triq il-Biżantini, Xlendi, Applikazzjoni Nru. 02440/09 – *To amend PA968/06 by sanctioning differences in layout and elevation* fi Triq ix-Xatt, Xlendi, Applikazzjoni Nru. 02522/09 – *To construct first floor and to sanction minor differences from original permit* fi Triq Tarsu, Munxar u Applikazzjoni Nru. 02526/09 – *To install wind powered water pump* fi Triq ix-Xlendi, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Arka Foundation rigward donazzjoni b' risq l-Arka Foundation li ser tiġi ppreżentata lill-Arka Foundation f' okkażżjoni apposta wara l-BBQ night tat-8 t' Awwissu 2009.

2.13 Il-Kunsill irċieva Memo 37/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Garanzija Bankarja fuq Xogħlijiet ta' Żvilupp'.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Il-Kuntratt dwar il-ġbir ta' skart organiku'.

2.15 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward ir-Riforma fil-Kunsilli Lokali.

2.16 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fit-3 t' April 2009 u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Awtorita' ta' Tmexxija, Dipartiment ta' l-Iżvilupp Rurali, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward it-'Tnedija tan-Netwerk Rurali Malti'.

2.18 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Contract Manager, Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. il-Minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt tad-Dwal tat-Toroq li saret fil-15 ta' Ġunju 2009, fil-Kunsill Lokali Żebbuġ, Għawdex.

2.19 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF 00139/09 li l-MEPA ħarġet lil sid ta' sit fi Triq ix-Xatt, Xlendi minħabba ksur tal-kontroll ta' l-ippjanar li jikkonsisti fi żvilupp mhux skont il-pjanti approvati fil-permessi PB 223/85 datat 9 ta' Lulju 1985 u PB 1841/89 datat 28 ta' Jannar 1991 li jikkonsisti f' varjazzjoni fil-qisien tal-galleriji u fid-disinn tal-faċċata, żieda ta' gallerija fuq il-bejt, il-kaxxa tat-taraġ fuq il-bejt mhix irtirata u f' li l-faċċata ngħatat il-kulur.

2.20 Il-Kunsill irċieva Memo 38/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Kodiċi dwar l-Aħjar Prattiċi għall-Gvern Lokali'.

## 3.00 Ilmenti.

3.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-E.T.C. rigward skema ta' Xogħol fil-Komunita'. Huma qed jistiednu lis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv għal-laqgħa sabiex tiġi varata l-iskema Xogħol fil-Komunita'.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru fejn ġejna informati li kienet għadha kemm ġiet illanċjata l-*Customer Care System* il-ġdida.

3.03 Il-Kunsill Lokali kien irċieva *e-mail* mingħand persuna li qed tilmenta dwar siġar mejta fil-Bajja tax-Xlendi u talbet sabiex il-Kunsill jordna lill-ħaddiema biex jieħdu ħsieb dawn is-siġar.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Chev. Frank Gatt, Gozo College Principal fejn qed jitlob lill-Kunsill jisponsorja l-ktejjeb 'Is-Siġra tal-Ħajja' u peress li studenti tas-Sitt Klassi hemm 16, l-ammont li qed jitlob huwa ta' €28.00.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Sig. Paolo Andrea Trabalza, Ambaxxatur ta' l-Italja. Huwa qed jitlob li titħassar ċitazzjoni li ngħata meta kien wieqaf fuq sinjali sofor meta dan kien qed juri l-veduta tax-Xlendi lill-persuna importanti li ġiet mill-Italja. Is-Sindku ser jirreferi din it-talba lill-Uffiċjal Awtorizzat.

3.06 Il-Kunsill irċieva Memo 31/2009 rigward rapport dwar l-Effiċjenza tal-Kunsilli Lokali li jkopri l-perjodu Awwissu – Novembru 2008.

3.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand residenta fi Triq il-Puniċi, Xlendi. Hija qed tilmenta u anke bagħtet żewġ ritratti li fi Triq il-Puniċi xi *Parking Bays* qed ikunu okkupati minn inġenji ta' kostruzzjoni u kawża ta' dan, din il-persuna pparkjat il-karozza fuq *yellow line* u ngħatat ċitazzjoni.

3.08 Il-Kunsill irċieva xi ilmenti mingħand persuna minn Victoria. Din il-persuna qed tilmenta li minn ħdejn il-Lukanda St. Patrick's sa fejn Ta' Nona Bar tfaċċa xi ħadid mill-konkos u huwa ta' periklu għan-nies. Din il-persuna qed titlob ukoll sabiex tabella 'No Dogs' fuq il-bajja terġa' titwaħħal għax qed ikun hemm il-ħmieġ tal-klieb. Din il-persuna appellat ukoll sabiex il-Kunsill jagħmel aktar *dustbins* fix-Xlendi.
Is-Sindku informa lill-Kunsill li qegħdin jittieħdu l-passi neċessarji.

3.09 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward Measure 323: Conservation and Upgrading of the Rural Heritage. Il-Kunsill qed ikun informat li skont ir-regolamenti ma setax japplika b' żewġ proġetti. Is-Sindku qal li kien kellem lill-Kunsill Lokali tal-Fontana u kienet ser tiġi rtirata l-applikazzjoni tal-Wied tax-Xlendi.

3.10 Il-Kunsill irċieva Memo 36/2009 rigward Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali (Ġunju 2009) – iċ-Ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra.

3.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Water Services Corporation fejn hemm lista ta' dokumenti li wieħed ikollu bżonn sabiex isir servizz ta' l-ilma ġdid.

3.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Kevin Sciberras, Ko-ordinatur Kulturali għal Għawdex rigward il-Kalendarju Kulturali t' Għawdex *online*.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 05/09(30_06_09).

**5.00 Il-Laqgħa tal-Lokalita'.**

5.01 Il-Laqgħa tal-Lokalita' saret nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Mejju 2009. Il-laqgħa li kellha ssir għar-residenti tal-Munxar fil-5.30 ta' filgħaxija, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill ma saritx peress li ħadd ma attenda.

5.02 Il-laqgħa għar-residenti tax-Xlendi saret fis-6.30 ta' filgħaxija, fil-Lukanda St. Patrick's. Fil-laqgħa kien hemm preżenti s-Sur Joseph Sultana - Sindku, s-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku u s-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Ilment komuni kien li ma rċevewx l-avviż tal-laqgħa peress li ma' l-avviż tal-laqgħa kien hemm il-basket taċ-ċarruta li l-Kunsill qassam lil kull wieħed u peress li l-*envelops* ma ntefgħux fil-*letter box,* xi persuni ħaduhom.
Kien hemm talba sabiex issir *Bus Stop* fi Triq il-Qsajjem għar-residenti ta' Triq il-Kavallieri u Triq il-Puniċi.
F' din il-laqgħa ssemma dwar it-trakkijiet li qed ikunu pparkjati fid-daħla tal-Munxar u qed jirrendu t-triq għal *blind corner*. Issemma wkoll ilment dwar *Mechanic* fi Triq ta' Marżiena għaliex qed jipparkja l-vetturi fil-kantuniera tat-triq.
Ir-residenti tax-Xlendi talbu wkoll sabiex fix-Xlendi l-preżenza ta' Pulizija tkun tinħass aktar.

Is-Sindku elenka lir-residenti preżenti x-xogħlijiet li hemm ippjanati għall-Bajja tax-Xlendi fosthom il-bdil tal-lampi u l-*wiring*, xogħol fil-Mitħna Sotterranja u tkabbir tax-Xtajta.

**6.00 Xogħlijiet u Apparat għall-*Playing Field*.**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fid-19 ta' Ġunju 2009 deher avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u fl-24 ta' Ġunju 2009, fil-Malta Independent għal sejħa għall-offerti għall-apparat tal-*Playing Field*. Din is-sejħa hija maqsuma f' 4 partijiet:

1. Outside Fitness Equipment.
2. Playing Field Equipment.
3. Safety Rubber.
4. Gazebo.

Is-sejħa għall-offerti ser tagħlaq fit-28 ta' Lulju 2009.

6.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Perit Saliba ser joħroġ il-livelli sabiex jinbeda x-xogħol ta' tpoġġija tal-madum.

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ħaddiema kienu kaħħlu l-*Playing Field*, wittew il-ħamrija u rranġaw il-bankijiet. Qed jinkines u jinqata' ħaxix ħażin fi Ġnien Ragalna u nqata' l-qasab tal-kantuniera tal-Wied tax-Xlendi. Tħawwlu l-fjuri u saret sistema ta' *drip irrigation* fejn qed jittieħed l-ilma mill-ġibjun il-ġdid tal-*Playing Field*.
Fix-Xlendi ġie rranġat il-*cable* li jagħti l-kurrent lill-fanali ta' Triq ix-Xatt u xogħol ta' żebgħa.

7.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li tkissru ħames bankijiet fix-Xlendi.

**8.00 Rapport tas-Sindku.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien attenda għal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar il-*Wardens*.

8.02 Is-Sindku kien attenda għal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar dwal fit-toroq fejn il-Kumitat għażel lil Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. bħala l-*Contract Manager*.

8.03 Is-Sindku rċieva telefonata mingħand l-Inġinier Bajada li d-Dipartiment Proġetti u Żvilupp kien ser iwaqqaf is-servizz ta' Kenniesa mill-Munxar u Xlendi sabiex dawn l-istess Kenniesa jnaddfu t-toroq arterjali li jaqgħu taħt il-Gvern Ċentrali. Is-Sindku talbu sabiex jagħmel kollox bil-miktub.

8.04 Is-Sindku attenda għal *Seminar* organizzat mill-Gozo Business Chamber dwar l-iżvilupp tal-Gżira Għawdxija.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv talab sabiex issir *Road Hump* fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, Munxar. Il-Kunsill jaqbel iżda qabel ma ssir talba lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, jiġu kkonsultati r-residenti ta' viċin il-post fejn ser titpoġġa r-*Road Hump*.

9.02 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba sabiex il-Kunsill jiksi bil-*concrete* passaġġ fir-raba' li jagħti minn sqaq fi Triq San Pawl. Is-Sindku informa lill-Kunsill li din il-persuna kienet diġa' kellmitu u talabha tinforma lill-Kunsill bl-*area* li hemm bżonn li tinkesa.

9.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienet saret *Site Inspection* mis-Sur Joe Magro Conti fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi. Huwa faħħar il-mod kif qed isir ir-restawr tal-magna u l-apparat. Ġie deċiż li ssir lista dettaljata dwar xogħlijiet li ser jitħallsu mill-Kunsill kif ukoll lista tax-xogħlijiet li ser jitħallsu mill-MEPA mill-Fond ta' E.I.P.P. (Environmental Initiatives in Partnership Programme).

**10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

10.01 Is-Sur Patrick Grima staqsa dwar it-*Tender* tal-*Patching* peress li hemm bżonn li jsir xi *patching*. Peress li t-*tender* għada ma ħarġitx, ser isir xogħol urġenti bil-kwotazzjoni.

10.02 Il-Viċi-Sindku informa lill-Kunsill li għamel xi kuntatti sabiex jitnaddaf il-Wied tax-Xlendi u għalhekk talab kopja tal-kundizzjonijiet tal-permess tal-MEPA.

10.03 Il-Viċi-Sindku staqsa f' hiex waslu l-pjanijiet sabiex Sqaq Wied l-Għawdxija jinkesa mill-ġdid. Il-Kunsill kien diġa' ddeċieda li dan l-isqaq jinkesa pero' peress li saru diversi xogħlijiet u hemm xi *commitment* ta' xogħlijiet fil-*Playing Field* il-ġdida, l-Kunsill għad m'għandux stampa finanzjarja eżatta u għalhekk ma huwiex f' pożizzjoni li jikkommetti ruħu li jinbdew dawk ix-xogħlijiet.

10.04 Il-Viċi-Sindku talab lill-Kunsill sabiex jagħmel tliet kanni fil-kantuniera ta' bankina li qiegħda fi Triq it-12 ta' Diċembru 1957 peress li l-vetturi qed jitelgħu fuq il-bankina u jaħbtu mal-faċċata tad-dar.

10.05 Il-Viċi-Sindku talab lill-Kunsill sabiex jieħu ħsieb li l-bokka tal-*culvert* ta' l-ilma ta' taħt il-Knisja tax-Xlendi titnaddaf mill-materjal peress li ta' spiss din tkun misduda. Huwa talab ukoll sabiex fil-Wied tax-Xlendi jerġgħu jsiru tabelli tal-*One Way*.

Il-ħin kien is-7.30 ta' filgħaxija u s-Sur Patrick Grima talab sabiex ikun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Is-Sindku irċieva talba sabiex *sign* li qiegħda fi Triq ir-Rabat fejn tindika li jsir *parking* ta' muturi sas-14.00 hours issir sas-18.00 hours.

11.02 Is-Sindku staqsa lill-Kunsill x' rigal ser jagħtu lill-Kanonku Dun Karm Curmi fl-għeluq tal-25 sena Saċerdot.

11.03 Is-Sindku wasallu ilment li x-Xarabanks li jkunu ħerġin mill-*Parking* tax-Xlendi quddiem l-Istabbiliment C7 qed idaħħnu u d-duħħan imur fuq in-nies. Huwa ssuġġerixxa li x-Xarabanks jibdew jidħlu bil-kontra, jiġifieri jidħlu minn Triq ir-Rabat għal *Parking*.

11.04 Is-Sindku rċieva kliem ta' tifħir dwar is-sitt *pots* li saru fuq il-bankina tal-Kunsill u ġie mitlub li jsiru *pots* bħalhom fil-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957 peress li t-tnejn li kien hemm ma fihomx fjuri.

11.05 Is-Sindku kien kellem lil sid ta' Water Park Equipment sabiex isir logħob tal-baħar flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Fontana.

11.06 Is-Sindku ġie avviċinat minn Fr. Charles Cini sabiex jara huwiex possibbli li l-Kunsill jixtri kopji tal-ktieb li għadu kemm ippubblika sabiex jingħataw bħala premjijiet u dan peress li Fr. Charles Cini kien lest li jikkontribwixxi għall-Attivita' Sagra Pawlina.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 23 ta' Lulju 2009, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***